# Mediterran



# bla skart!

United Nations Environment Programme
www.unep.org

Mediterranean Action Plan
www.unepmap.org

HELMEPA Hellenic Marine Environment Protection Association
www.helmepa.gr

MIO-ECSDE Mediterranean Information Office for Environment, Culture and Sustainable Development
www.mio-ecsde.org

Clean Up Greece - Ελλάδα Καθαρή
www.cleanupgreece.org.gr

# Żomm il-Mediterran nadif

Il-bniedem, fil-ħidma tiegħu fl-art u fuq il-baħar, jipproduċi ammont ta' skart li ħin jew ieħor jispiċċa fil-baħar. Varjetà kbira ta' materjal, bħal plastik, lastku, karta, metall, injam u ħġieġ jinstab jgħum fil-wiċċ jew f'qiegħ il-baħar jew inkella mkaxkra mill-baħar għal fuq ix-xatt.

Il-Baħar Mediterran qed jiffaċċja problema serja bil-preżenza ta' dan l-iskart u jekk kull wieħed u waħda minna, flimkien ma' l-awtotitajiet, ma nagħmlux l-almu tagħna biex nevitaw, innaqqsu jew naqtgħu għal kollox din ix-xorta ta' tniġġis, il-qagħda tmur għall-agħar.

## Minn fejn tiġi dix-xorta ta' skart?

Is-sorsi prinċipali ta' dan l-iskart insibuhom fl-ambjent tad-dar, fl-industrija, f'attivitajiet tal-bahar u xogħol agrikolu li minnhom aċċidentalment jew intenzjonalment l-iskart jispicca direttament jew indirettament ġol-baħar. Bl-ilma li jinżel mil-widien, bl-irjieħat u bil-kurrenti, l-iskart jitkaxkar għal distanzi twal.

## L-impatt ta' l-iskart

### ...fuq l-ekosistemi tax-xtut u tal-baħar

Anki l-iktar naħat imbegħda tal-Mediterran jistgħu mill-effetti ħżiena ta' dan l-iskart. Kemm il-pajsaġġ kif ukoll l-ekosistema marina jintlaqtu serjament b'mod negattiv. Materjal li jniġġes jitħallat ma' l-ilma tax-xita, ma' l-ilma baħar u ma' l-ilma ħelu ta' l-għadajjar u sa fl-aħħar jista' jsib ruħu anki f'dik li tissejjaħ il-food chain.

Ħlejjaq tal-baħar bħal ħut, dniefel, baleni, bumarini u tajr jintlaqtu ħażin mill-iskart meta jindarbu jew jitħabblu ma' xi xorta ta' rimi jew jivvalenaw rwieħhom meta jaħsbuh ikel. Każi bħal dawn spiss iwasslu għal ħsara kbira bħal meta l-ħlejjaq li semmejna jintlaqtu f'dik li hi mobilità jew jifgaw u jegħrqu, u meta jibilgħu xi parti mill-iskart jispiċċaw ivvelenati.

### ...fuq il-bniedem

L-iskart jolqot, b' xi mod jew ieħor, kull wieħed u waħda minna u fl-aħħar mil-aħħar irridu nagħtu kont tal-problemi li ħloqna.

- L-iskart hu ta' periklu għal saħħitna billi jwassal għal infezzjonijiet, jew feriti kkawżati minn kontenituri ta' sostanzi tossici, biċċiet ta' ħġieġ u siringi.
- L-iskart jgħarraq l-aspett estetiku tal-pajsaġġ u b'hekk inissel fina dwejjaq flok iferraħna.
- Anki t-turiżmu jintlaqat meta barranin jieħdu mpressjoni ħazina u b'hekk tbati l-industrija tat-turiżmu li minnha jiddependu komunitajiet ta' qrib il-kosta.
- L-iskart jagħmel ħsara lill-apparat tas-sajd u l-iskrejjen ta' nġenji tal-baħar bir-riżultat li l-industrija tas-sajd titgħabba bi spejjes akbar.
- It-tindif u t-tneħħija ta' l-iskart iddaħħal ukoll lill-awtoritajiet u lil dawk li jħallsu t-taxxi fi spejjeż kbar.




## Is-sorsi ewlenin ta' l-iskart fil-baħar Mediterran

**80% minn attivitajiet ibbażati fuq l-art:** ilma tal-wiċċ, xmajjar bis skart li jbattlu ġol-baħar, ta' l-ilma tax-xita, żbokkijiet tad-dranaġġ, skart miġbur mill-arja, skart industrijali, miżbliet immaniġġjati ħażin, rimi bl-addoċċ ta' skart fuq ix-xtute

**20% minn attivitajiet fuq il-baħar:** bastimenti ta' kull daqs għall-merkanzija u għall-passiġġieri (e.g. jottijiet, dgħajjes tal-qlugħ), bastimenti għas-sajd kummerċjali jew tad-dilettanti (leneż u xbieki), kontenituri tal-polisterin għall-ħażna tal-ħut, etċ, rdim ta' pjattaformi taż-żejt u tal-gass `il barra mix-xtut


ICC


DUH/G. Hau



# Kullħadd jista` jikkontribwixxi ghaz-żamma ta'baħar Mediterranju nadif

## Kun ċittadin responsabbli:

- L-iskart dejjem qegħdu f'xi kontenitur u qatt tarmih fuq ix-xatt jew twaddbu fil-baħar. Skart mitluq fit-triq jew fil-katusi tad-dranaġġ aktarx jispiċċa fil-baħar.
- Meta tivvjaġġa minn post għal ieħor jew tmur fuq ix-xatt poggi l-ikel f'kontenituri li jistgħu jerġgħu jintużaw. Bħala regola uża l-kontenituri iktar minn darba waħda, u naqqas kemm tista, jew irriċikla, l-iskart.
- Tarmix il-loqom tas-sigaretti fejn ġie ġie; dawn iwasslu biex jagħmlu impatt negattiv fuq il-kwalità ta' l-ilma u fuq il-ħajja naturali tal-baħar.
- Insisti li l-kunsill lokali barra li jipprovdi kontenituri fix-xtut jieħu ħsiebhom kif jixraq.
- Kun ta' eżempju għal oħrajn u ħajjarhom jirrispettaw l-ambjent kostali u tal-baħar.
- Issieħeb f'xi grupp ambjentali u agħti sehmek f'tindif tax-xatt, fil-moniteraġġ ta' l-ambjent lokali u globali, u f'kampanji li għandhom l-iskop li jqajjmu kuxjenza dwar l-ambjent.

## Is-settur tat-turiżmu

- Ħu ħsieb li tiżdied il-kuxjenza ambjentali fl-impjegati tiegħek u fit-turisti li jzuruna.
- Poġġi kontenituri adattati f'kull parti tal-lukandi, ristoranti u x-xtut tal-madwar u aċċerta ruħek li dawn jitbattlu regolarment, jitnaddfu u jinżammu kif jixraq.
- Organizza minn żmien għal ieħor tindif ta' l-ambjent u agħti sehmek f'inizzjattivi li bħala skop għandhom il-ħarsien ta' l-ambjent.
- Naqqas l-iskart fl-industrija tas-servizzi u fejn jidħol l-ippakkjar ta' l-ikel.
- Rawwem programmi ta' riċiklaġġ u fejn dawn ġà jeżistu agħti l-appoġġ tiegħek.

## Sajjieda professjonali u dilettanti

- Uża tagħmir tas-sajd u xkejjer ta' l-għalf li huma biodegradabbli.
- Erfa' l-iskart biex wara tkun tista' tiddisponi minnu kif jixraq fuq l-art.
- Irsisti mal-kunsill lokali u ma' l-awtorità tal-port biex dawn jipprovdu l-kontenituri necessarji għal ġbir ta' skart fil-portijiet u l-jottmarinas.
- Kooperattivi, għaqdiet u klabbs għandhom jirsistu mal-membri tagħhom biex dawn iġibu lura magħhom l-iskart flok jarmuh fil-baħar.

## L-industrija

- Trawwim ta' inizjattivi li għandhom l-iskop li jagħmlu iktar nadif il-proċess tal-produzzjoni.
- Bidu ta' skema għall-immaniġġjar ta' *green offices*.
- Żvilupp ta' sistemi biex l-iskart ikun riċiklat fuq il-post.
- Introduzzjoni ta' skemi ta' mmaniġġjar integrat ta' l-iskart.
- Harreg u dahhal f'moħħ l-impjegati tieghek dawn l-inizjattivi.

## Bastimenti ta' kull daqs tal-merkanzija u tal-passiġġieri (inklużi jottijiet u laneċ)

- Żviluppa u ħaddem pjan għall-immaniġjar ta' l-iskart u minn żmien għal ieħor ħu ħsieb li jinżamm aġġornat il-*Garbage Record Book* (*). Rawwem fil-membri ta' l-istaff u ta' l-ekwipaġġi kuxjenza dwar l-ambjent permezz ta' taħriġ regulari.
- Daħħal elementi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent fil-kurrikula ta' skejjel fejn jitħarrġu persuni għall-ibburdjar u għal btajjel fuq jottijiet.
- Waħħal f'postijiet prominenti avviżi li jfakkru lill-membri ta' l-ekwipaġġ u lill-passiġġieri biex ma jarmux skart fil-baħar.
- Poġġi kontenituri adattati fuq il-gverta biex ma jkunx hemm skart li jittajjar għal ġol-baħar.
- Naqqas kemm jista' jkun skart li hu ġġenerat minn servizzi u ppakkjar ta' ikel.
- Iddisponi mill-iskart fil-faċilitajiet imħejjija apposta meta terġa' lura fil-port.

(*) B'konformità mar-regolamenti ta' l-MARPOL fi ħdan l-IMO Annex V.

## Awtoritajiet (Gvern, pulizija, kunsill, port)

- Niedi kampanji u proġetti edukattivi li jqajmu kuxjenza fost l-i*stakeholders* kollha, b'mod speċjali fejn hemm ħolqa bejn l-ilma ħelu u l-ambjent tal-baħar.
- Hu hsieb il-ġbir ta' l-iskart mix-xtut u l-portijiet. Importanti ħafna li jkun hemm kollaborazzjoni bejn l-awtorità tal-port u l-kunsilli lokali.
- Waqqaf sistema ta' mmaniġġjar integrat ta' skart fi ħdan il-kunsill lokali fejn il-miri jkunu r-riċiklaġġ, it-tnaqqis ta' l-iskart, u r-rimi bla periklu.
- Daħħal skemi ta' maniġment integrat ta' nħawi kostali, bil-parteċipazzjoni ta' l-i*stakeholders*.
- Integra inizjattivi lokali fi ħdan programmi, strateġiji u prijoritajiet reġjonali/globali.
- Ipprovdi għajnuna finanzjarja għal biex jittieħdu passi preventivi.
- Fil-portijiet ipprovdi faċilitajiet għar-rimi bla periklu ta' skart iġġenerat fuq bastimenti, jottijiet u nġenji tas-sajd.

*Kontenituri ta' l-iskart, bottijiet u kaxex huma faċilitajiet komuni għar-rimi. Iżda mhux biżżejjed li jitqegħdu f' bajjiet u portijiet. It-tbattil u tindif tagħhom huma problema akbar. Il-moniteraġġ u l-immaniġġjar tagħhom huma neċessarji. L-argumenti ewlenin huma: min jiġbor l-iskart? meta? fejn imur?*

## Kun af iktar dwar:

UNEP u l-Mediterranean Action Plan (UNEP/MAP):
www.unep.org,
www.unepmap.org

Hellenic Marine Environment Protection Association - HELMEPA:
www.helmepa.gr,
www.helmepajunior.gr

Clean up Greece:
www.cleanupgreece.org.gr

Mediterranean Information Office for Environment, Culture and Sustainable Development (MIO-ECSDE):
www.mio-ecsde.org

# Kemm idum biex jiddekomponi l-iskart fil-baħar?

Meħud minn: The Ocean Conservancy, "Pocket Guide to Marine Debris", 2006

| | | |
|---|---|---|
| **Flixkun tal-ħġieġ** miljun sena | **Bott tal-landa** 50 sena | **Kartuna tal-ħalib** 3 xhur |
| **Lenza tas-sajd** 600 sena | **Materjal tan-najlon** 30-40 sena | **Qalba ta' tuffieħa xahrejn gazzetta** 6 ġimgħat |
| **Flixkun tal-plastik** 450 sena | **Borża tal-plastik** 10-20 sena | **Qoxra tal-laring** 2-5 -il ġimgħa |
| **Bott ta' l-aluminju** 80-200 sena | **Filtru tas-sigarrett** 1-5 sena | **Xugaman tal-karti** 2-4 –il ġimgħa |
| **Pett ta' stvala tal-lastku** 50-80 sena | **Ħwejjeġ tas-suf** 1-5 sena | |
| **Tazza tal-plastik** 50 sena | **Plajwud** 1-3 sena | |


DUH/G. Hau

حافظ على البحر المتوسط خالي من النفايات • Για μια Μεσόγειο χωρίς σκουπίδια • Keep the Mediterranean litter-free! • Pour une Méditerranée sans déchets • Akdeniz'i Temiz Tutalım • Teniamo il Mediterraneo pulito! • Për një Mesdhe pa Hedhurina! • Mediterran bla skart! • Ohranimo čist Mediteran! • Para un Mediterráneo sin basura! • Por um Mediterrâneo sem lixo! • Sačuvajmo mediteran bez otpada! • Sredozemlje bez otpada! • Bez otpadaka na Mediteranu! • שמור על הים התיכון נקי מפסולת